277/13

€35

Antoine Borg

Fil-Qrati Civili tal-Qorti Ċivili

Duty Amounting to:
Forty five Euros
cents
€ 35 -- c) paid on 20-2-13
Receipt No: 436483
For Commissioner of Inland Revenue

Joseph Mizzi, iben il-mejjet Joseph u Raffaela nee' Axisa imwieled H'Attard u residenti Xghajra, karta tal-identita' 117365M u martu Dorothy Mizzi, nee' Simpson, bint Michael Simpson u Josephine nee' Briffa, imwielda il-Pieta' u residenti Xghajra, karta tal-identita' 220663M

Vs

Maria Grima Baldacchino, karta tal-identita' 522845M, bhala eredi ta' Emmanuel Baldacchino, iben il-mejtin Carmelo u Carmela nee' Tabone imwieled Bormla, li kellu l-karta tal-identita' 45515M

Cedola ta' depozitu u kontestwali fidi ta' cens ta' Joseph u Dorothy konjugi Mizzi

Ir-Rikorrenti esponu bir-rispett:

Illi huma akkwistaw zewg porzjonijiet ta' art fabbrikabbli fix-Xghajra, limiti ta' Haz-Zabbar, formanti parti mill-ghalqa imsejha Tal-Krombija, markati plots numri hdax (11) u tnax (12) li jinsabu kontigwi ghal xulxin, u li llum igibu l-isem ufficjali ta' Simpson, fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja, in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor George Cassar datat sbatax ta' Frar tas-sena elf, disa' mija u sitta u tmenin (17/02/1986), liema att pubbliku gie debitament insinwat, kopja annessa u markata bhala Dok "A";

Illi din l-art hija soggetta ghas-subcens annwu u perpetwu ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20) ossija sitta u erbghin Ewro u disgha u hamsin centezmu (€46.59);

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruhhom mill-fakolta' koncessa lilhom mill-ligi li jifdu s-subcens pepetwu fuq indikat kif fil-fatt sejrin jaghmlu bil-prezenti;

Ghaldaqstant l-esponenti qeghdin umilment jadixxu lil dina l-Onorabbli Qorti u taht l-awtorita' taghha jghaddu sabiex jiddepozitaw s-somma ta' disa' mija u wiehed u tletin Ewro u tmenin centezmu (€931.80), kif qed jigi kkapitalizzat is-subcens ta' sitta u erbghin Ewro u disgha u hamsin centezmu (€46.59), ekwivalenti ghall-valuta antika ta' Lm20, aktar 'il fuq imsemmi, bir-rata ta' hamsa fil-mija (5%), skont il-

ligi sabiex din is-somma kollha depositata tkun tista' tigi zbankata mill-ewwel wara li tkun ricevuta skont il-ligi.

Avv. Neville Young
192/1, Triq il-Karmnu, B'Kara

PE Noel Scerri

Depozitanti - Simpson, Triq il-Fortizza tal-Grazzja, Xghajra, Zabbar.

Notifika:
Maria Grima Baldacchino
Direttur Registru Pubbliku,
Direttur Registru tal-Artijiet,

137, La Moreta, Triq ix-Xatt, Gzira
Triq il-Mexkati, Il-Belt Valletta.
Il-Belt Valletta.

2 [illegible] 2013

Ippreżentata mill-[illegible]

bla dok/b [illegible] dokumenti

Kenneth Grech
D/Registratur
Courts of Justice (Malta)